SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-hamsa u tletin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fit-8:15 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**2.0 <u>Nominazzjoni ta' ambaxxatur/ambaxxatrici tal-Kunsill</u>**

2.1 Is-Sindku rrefera ghal din in-nomina li ghandu jinhatar zaghzugh/a li jservu bhala ambaxxatur jew ambaxxattrici ghaz-zghazagh bejn is-16 u t-18-il sena. Iz-zaghzugh/a irid ikun ghalaq is-sittax il-sena izda mhux it-tmintax. Is-Sindku semma' li ghal din in-nomina' kien hemm interess miz-zaghzugh Jason Theuma biss s'issa.

2.2 Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu javza liz-zaghzagh kollha ta' bejn is-16 u 18-il sena personalment permezz ta' status fuq il-facebook u messagg personali lil kull wiehed u wahda minnhom u ninfurmawhom li dawk interessati ghandhom jibghatu email lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-Hamis 7 ta' Novembru 2013. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm aktar minn nomina wahda, ghandu jerga' jiltaqa' nhar il-Gimgha filghodu u jaghzel minn fosthom.

**3.0 Materji ohra**

3.1 Il-kunsillier John Mercieca staqsa dwar min hu responsabli mix-xoghol li sara extra tat-tqattigh biex ghadda l-wiring tad-dawl wara l-underground bring-in-sites fi Triq Nicholas Monsarrat. Sar qbil li ghandha tintbghat email lil Perit tal-progett Godwin Sultana u nistaqsuh dwarha.

3.2 Is-Segretarja rreferiet ghall-quotations li konna tlabna sabiex jigi printjat il-leaflet dwar San Lawrenz li jaghmel parti mill-progett 323. L-orhos offerta kienet dik tal-Gozo Press izda l-quotation taghhom ma kinitx dettaljata bizzejjed u wara li ntalbu jekk il-quotation tinkludix il-gbir tad-data u nghataw deadline sa meta jibghatu r-risposta taghhom f'kaz li huma nteressati, dawn baqghu ma wegbux. Ghalhekk gie propost li l-ghazla taqa' fuq it-tieni offerta li tinkludi x-xoghol kollu mehtieg. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.3 Saret referenza ghal dwar min ser jsewwi t-toqob tal-antarjoli tal-festa li saru fi Triq Nicholas Monsarrat. Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw il-haddiema tal-gvern u jirrangawhom huma.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghodu.

***Anthony Formosa***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Ezekuttiv***